MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2010

Numru 1344/2009

Il-Pulizija
(Spettur Carlos Cordina)

vs

Carmelo Falzon

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 579060M, akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer fi 20, Triq Ferdinando Falzon, Zurrieq;

1. fis-7 ta’ Novembru 2009, ghal habta tal-10:30 hrs, ikkommetta hsara volontarja fuq proprjeta cioè bieb ta’ barra a detriment ta’ Antonia Falzon karta ta’ identita’ numru 0577558M, liema hsarat jeccedu s-somma ta’ mija u sittax Ewro u tmienja u ghoxrin centezmi (116.28c Ewro)

izda ma jeccediex is-somma ta’ elf, mija u tnejn u sittin Ewro u disa’ sebghin centezmi (1162.79c Ewro);
2. hedded bi kliem lil Salvatore Zarb karta ta’ identita’ numru 538756M;
3. kiser l-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat, storbju u glied.

Il-Qorti hija mitluba tapplika l-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 taht kull kundizzjoni li jidrilha billi tpoggi lill-imputat taht garanzija ghall-protezzjoni ta’ Antonia Falzon u Salvatore Zarb.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament mhux opposta.

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni fuq liema ammissjoni insista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Apparti l-ahhar zewg imputazzjonijiet li huma ta’ natura kontravenzjonali l-ewwel akkuza tikkoncerna hsara volontarja taht l-Artikolu 325(b) tal-Kap 9.

Hemm l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat. Konsegwentement, issibu hati tal-imputazzjonijiet kontih dedotti.

Rat l-Artikolu 325(b), 339(e), 338(dd), u 17 tal-Kap 9.

Tiddeciedi li tapplika kontra l-imputat l-Artikolu 383 et seq tal-Kap 9 u torbtu b’garanzija personali ta’ €1200 ghal zmien sena mill-lum li ma jimmolestax, ma jkellimx u ma javvicinax lill-parti leza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------